MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIO MERCIECA**

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2006

Talba Numru. 13/2006
Kawza Numru. 105

**Maltacom plc**

**vs**

**Camilleri Albert**

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

"Illi l-konvenut ghandu jigi ikkundannat ihallas lis-socjeta' Maltacom plc is-somma ta' tlett mija u disgha u sebghin lira Maltin u hamsa u tmenin centezmu (Lm379.85) rapprezentanti ammont dovut in konnessjoni mas-servizz tat-telefon bin-numru 21576279 (A/C 10200052) liema servizz gie installat fil-fond bl-isem "Seabreeze" New

Street, Fondatore Heights, Xemxija, skond kif jidher mid-dokument hawn anness u immarkat bhala dokument “A”.

Bl-ispejjes komprizi dawk tal-prezenti, ta’ l-ittra ufficjali numru 756/2005 spedita fil-21 ta’ Ottubru 2005, tal-Vat fuq id-drittjiet professjonali u bl-imgahxijiet kontra l-konvenut li minn issa huwa ingunt ghas-subizzjoni.”

Ra li l-konvenut la wiegeb u l-anqas deher fl-udenzja quddiem it-Tribunal

Ra l-verbal tallum imnejn jirrizulta li s-socjeta’ attrici thallset is-sorte fil-mori tal-kawza izda fadlilha tigi rimborzata l-ispejjez

U billi t-talba kontenuta fl-avviz tat-talba  kienet gustifikata u ghalhekk din il-kawza saret htija tal-konvenut

Jaqta’ u jiddeciedi billi jastjeni milli jiehu konjizzjoni tat-talba fil-mertu billi dan gie ezawrit izda jikkundanna lill-konvenut ihallas l-ispejjez gudizzjarji inkluzi dawk tal-affissjoni kif ukoll tal-ittra ufficjali tal-21.10.2005.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------